**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**DR. DAVID FABRI**
**DR. ANTOINE NAUDI**

**Illum 3 ta' Marzu 2017**

**Rikors Numru 35/16**

**Louis Spiteri**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**
**L-Avukat Generali**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Louis Spiteri** ipprezentat fil-31 ta' Mejju 2016 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

*"Illi l-esponent kien applika sabiex igedded il-licenzja ta' Gwardjan Privat.*

*Illi permezz ta' ittra datata 6 ta' April 2016 mahruga mill-Kwartieri Generali tal-Pulizija, it-talba tal-esponent kienet michuda (Dok LS1).*

*Illi l-esponent kien propjament notifikat fit-13 ta' Mejju 2016 (Dok LS2) u ghalhekk ghadu fiz-zmien illi jintavola r-rikors tieghu.*

*Illi l-esponent hass ruhu ferm aggravat minn din id-decizjoni u b'hekk qed jipprezenta s-segwenti rikors.*

*Illi jidher li l-licenzja ma kinitx imgedda ai termini tal-Artikolu 10(a)(v) tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid is-segwenti:-*

*"tkun instabet hatja f'Malta jew xi mkien iehor ta' xi delitt kontra l-persuna jew kontra l-proprjeta' u l-applikazzjoni ssir fi zmien hames minn meta jsir id-delitt;"*

*Illi jidher ghalhekk li l-applikazzjoni mhix qed tkun imgedda minhabba li kien involut f'sitwazzjoni fejn, bhala konsegwenza, il-kondotta tieghu ma baqghetx netta.*

*Illi r-rikorrent filfatt ma jafx jekk qattx kellu kazijiet fejn instab hati ta' delitt tax-xorta kif imsemmi aktar 'il fuq.*

*Illi li jiftakar hu li kellu proceduri ta' separazzjoni minn ma' martu, izda mhux li nstab hati ta' delitt.*

*Illi anke jekk kien hemm xi kaz ta' dan it-tip, ilu aktar minn hames snin u ghalhekk, l-applikazzjoni ma tistax tkun rifjutata ghaliex il-ligi hija cara f'dan ir-rigward, kif issemma aktar 'il fuq.*

*Illi apparti minn hekk, hija ferm ingusta li minhabba incident, l-esponent ma jistax ikompli l-licenzja ta' Gwardjan Privat li ilha ghandu ghal snin shah.*

*Illi l-esponent ghamel ghaxar snin shah f'dan il-mistier u qatt ma kellu problemi fuq ix-xoghol tieghu.*

*Illi l-esponent ilu tmien snin wieqaf ghaliex huwa waqaf minhabba li rtira minhabba l-eta` izda huwa dejjem jipprova jsib part-time sabiex ikun jista' jsostni lilu nnifsu. Pero` issa, minhabba f'din id-decizjoni, ma jistax jaghmel dan.*

*Illi huwa dejjem ghamel il-kors rikjest, kif rega' ghamel f'Jannar illi ghadda. Pero` naturalment bhal ma diga' intqal, din kienet l-ewwel sena li l-applikazzjoni ma kinitx imgedda.*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li dan it-Tribunal, wara li jirrevedi d-decizjoni moghtija mill-Kummissarju tal-Pulizija, jikkonsidra favorevolment dan ir-rikors u konsegwentement ihassar, jirrevoka u jikkancella d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija fejn qieghed jirrifjuta li jgedded il-licenzja ta' Gwardjan Privat lill-esponent, kif ukoll jordna lill-intimat igedded il-licenzja ta' Gwardjan Privat lir-rikorrent."*

Ra r-risposta **tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Generali** datata 27 ta' Gunju 2016 li permezz taghha eccepew is-segwenti:-

"

1. *Illi in linea preliminari l-Avukat Ġenerali ma huwiex il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri stante li d-deċiżjoni dwar jekk ir-rikorrent għandux jingħata liċenzja ta' Gwardjan Privat jew le ma hijiex kompetenza tiegħu u b'hekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.*

2. *Illi fil-meritu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent Kummissarju tal-Pulizija jeċċepixxi illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fid-dritt u fil-fatt, u dan għaliex għall-kuntrarju ta` dak li qed jingħad mir-rikorrenti fir-rikors promotur, kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni tal-istess esponent li ma jġedidx il-liċenzja ta` gwardjan privat lir-rikorrent a bażi tal-Artikolu 10 (a) (v) tal-Kap 389 (Att Dwar il-Gwardjani Privati u Lokali), kif ser jiġi muri u spjegat fil-mori tas-smiegħ ta' dan ir-rikors.*

3. *Illi l-esponent jirrileva illi a contrario ta' dak li qed jipprova jagħti l-impressjoni ir-rikorrent, l-istess rikorrent instab ħati u qagħdu qed jiskonta l-piena ta' priġunerija ta' xahar sospiża għal sena għal reat li huwa kien ikkommetta fis-sena 2011 u 2012. Ir-rikorrent kien instab ħati talli fl-24 ta' Settembru 2011 u f'diversi ġranet fi Frar 2012 kien ifastidja żewġ avukati permezz ta' telefonati fuq il-linja ċellulari bejn 9:00 ta' filgħodu sa tard bil-lejl (23:30) u dan bi ksur tal-Artikolu 251A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

4. *Illi l-artikolu li fuqu nstab ħati r-rikorrent jinstab proprju taħt it-Titolu VIII fil-Kodiċi Kriminali u ċioe taħt it-titolu 'Fuq id-Delitti kontra l-Persuna'.*

5. *Illi kif ben kwotat mir-rikorrent l-Artikoli 10 (a) (v) tal-Kap 389 jirrferi proprju għal delitti ta' dik in-natura u għaldaqstant il-Kummissarju tal-Pulizija huwa obbligat li jirrifjuta ħruġ jew it-tiġdid ta` liċenzja jekk ir-reat ikun jissussisti sitwazzjoni taħt is-subartikoli 10(a)(i) sa (vi) ta` l-istess Kapitolu 389, liema artikolu* ***<u>jimponi obbligu fuq il-Kummissarju</u>*** *u ma jagħti l-ebda setgħa diskrezzjonarja lill-Kummissarju tal-Pulizija.*

6. *Illi f'dan il-każ il-leġislatur ried illi persuni li jkunu nstabu ħatja ta' reati ta' ċertu gravita ma għandhomx jiġu mħollija jagħmlu x-xogħol ta' gwardjan privat, u dan minħabba n-natura sensittiva ta' dan ix-xogħol, u l-ħtieġa li gwardjan privat għandu jkun persuna b'karattru affidabbli.*

7. *Illi l-Artikolu 12 (1) (a) tal-Kap 389 itenni illi l-liċenzja maħruga għal gwardjan privat tkun valida għal perjodu ta' sena mid-data tal-ħruġ tagħha, jeħtieġ għalhekk li qabel l-iskadenza tal-liċenzja, id-detentur tal-liċenzja għandu jattendi refreshers course, kif fil-fatt għamel ir-rikorrent. Biss l-attendenza ta' refreshers course ma jagħti l-ebda dritt awtomatiku illi*

*liċenzja tiġi mġedda minn sena għall-oħra tant hu hekk li Artikolu 13 (1) jipprovdi li 'Meta d-detentur ta' liċenza ma jimxix skont xi waħda mill-patti jew kundizzjonijiet li taħthom tkun inħarġet il-liċenzja jew jinqalgħu ċirkostanzi li kienu jiġġustifikaw li applikazzjoni għal dik il-liċenza kienet tkun miċħuda, il-Kummissarju jista' jew jirtira jew jissospendi dik il-liċenza. (enfażi miżjud)'.*

8. *Illi finalment, mingħajr preġudizzju għal premess, b'referenza għal dik il-parti tat-talba mqajma mir-rikorrent fejn qed jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal 'jordna lill-intimat igedded l-licenzja ta' Gwardjan Privat lir-rikorrent', l-esponent jirrileva illi dan l-Onorabbli Tribunal ma jistax jordna lill-Kummissarju intimat sabiex joħroġ liċenzja ta' gwardjan privat u dan għaliex il-kompetenza tat-Tribunal hija purament waħda ta' reviżjoni ta' deċiżjonijiet u mhux li jarroga fuqu l-poter deċiżjonali li għandhom l-awtoritajiet pubbliċi.*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent qiegħed bl-akbar rispett jadixxi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet tar-rikorrent fl-interita` tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent."*

Sema' x-xhieda tal-Ispettur Jeanne Farrugia,[1]

Ra d-dokumenti kollha ipprezentati;

Ra in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati ipprezentata fit-30 ta' Jannar 2017;

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Kummissarju intimat komunikata lilu permezz ta' ittra datata 6 ta' April 2016 li permezz taghha gie mgharraf bis-segwenti:-

*"B'riferenza ghat-tigdid ghal-licenzja tieghek ta' Gwardjan Privat, ghandi ninfurmak illi t-talba ghat-tigdid ma tistax tigi milqugha ai termini ta' l-artikolu 10 (a) (v) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta."*

**Ikkunsidra:**

Illi fir-risposta taghhom l-intimati bdew billi eccepew illi l-intimat Avukat Generali mhuwiex il-legittimu kontradditur f'dawn il-proceduri

[1] A fol. 64 sa 65

stante li d-decizjoni dwar jekk ir-rikorrent ghandux jinghata licenzja ta' Gwardjan Privat jew le ma hijiex kompetenza tieghu. Illi t-Tribunal jaqbel perfettament ma din l-eccezzjoni. Huwa biss il-Kummissarju intimat li ghandu l-poter decizjonali dwar jekk tinharigx licenzja ta' Gwardjan Privat jew le u kwindi t-Tribunal se jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimati.

Illi sorvolata l-eccezzjoni preliminari, it-Tribunal se jinvesti issa l-mertu tar-rikors. Mill-atti jirrizulta illi l-Kummissarju intimat cahad l-applikazzjoni tar-rikorrenti abbazi tal-artikolu 10 (v) tal-Kapitolu 389 (Att Dwar Gwardjani Lokali u Privati). Artikolu 10 (a) (v) jghid is-segwenti:-

*"Il-Kummissarju **għandu**[2] jirrifjuta applikazzjoni f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin*

*(a) meta l-applikant jew xi uffiċjal tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu provduti mill-applikant*

*(v) Tkun instabet hatja f'Malta jew x'imkien iehor ta' xi delitt kontra l-persuna jew kontra l-proprjeta u l-applikazzjoni ssir fi zmien hames snin minn meta jsir id-delitt."*

Illi l-Kummissarju intimat ipprezenta erbatax-il sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li nghataw bejn l-1980 u l-2015, li minnhom dawk li jikkoncernaw l-artikolu citati huma tnejn decizi fit-30 ta' Gunju 2015. L-ewwel sentenza hija dik esebita bhala Dok KP 13 a fol. 51 sa 55 li permezz taghha r-rikorrent instab hati li ai termini tal-artikolu 251A (1) tal-Kodici Kriminali fit-2 ta' Frar 2012 u fil-granet ta' wara gab ruhu b'mod li ta fastidju lil terzi jew b'mod li kien jaf jew imissu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghalihom. Ta' dan ir-reat huwa gie kundannat ghal xahar prigunerija sospiz ghal zmien sena. Illi b'sentenza ohra li ggib l-istess data tat-30 ta' Gunju 2015 ir-rikorrent instab hati talli fl-24 ta' Settembru 2011 u fil-granet ta' qabel uza *network* jew appart ta' telekomunikazzjonijiet elettronici fornut minn impriza ghal ghan li mhux dak li gie fornut ghalih jew ittraskura milli josserva l-istruzzjonijiet li kienu mahruga minn impriza ghal uzu kif imiss jew inkella uza b'mod mhux kif imiss u b'hekk gab ruhu b'mod li jkun ta' fastidju ghal terzi meta kien jaf jew kien imissu jkun jaf li dan kien ta' fastidju ghalihom. Ghal dan ir-reat huwa gie kkundannat xahar iehor ta' prigunerija sospiz ghal zmien sena.

---

[2] Enfasi tat-Tribunal

Illi kjarament iz-zewg reati li taghhom instab hati permezz tas-sentenzi fuq citati jaqghu taht it-Titolu VIII "Fuq id-Delitti Kontra l-Persuna". Kwindi l-Kummissarju intimat ma kellu l-ebda diskrezzjoni dwar jekk igeddidx jew le il-licenzja tar-rikorrent. Il-Kummissarju intimat kien obbligat li jirrifjuta li jaghti tali licenzja la darba kienu ghadhom ma ghaddewx hames snin minn meta r-rikorrenti wettaq id-delitti msemmija. Ghaldaqstant it-Tribunal ma jsib xejn x'jiccensura mid-decizjoni appellata.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jillibera lill-intimat Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju, jichad l-appell imressaq mir-rikorrent mid-decizjoni tal-istess Kummissarju datata 6 ta' April 2016 u jilqa' r-rimanenti eccezzjonijiet tal-Kummissarju intimat.

Bl-ispejjez a karigu tar-rikorrent.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**